II

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# IL-KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tat-2 ta' Ottubru 2009**

**li tistipula l-arranġamenti prattiċi għall-iskambju ta' informazzjoni b'mezzi elettroniċi bejn l-Istati Membri taħt il-Kapitolu VI tad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-servizzi fis-suq intern**

*(notifikata bid-dokument numru C(2009) 7493)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2009/739/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

wara li kkunsidrat id-Direttiva Nru 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern [1], u b'mod partikulari t-tieni sentenza tal-Artikolu 36 tiegħu,

Wara li kkonsultat lis-Superviżur Ewropew tal-Protezzjoni tad-Dejta,

Billi:

(1) L-obbligu għall-assistenza reċiproka u l-kooperazzjoni effikaċi bejniethom fuq l-Istati Membri skont l-Artikoli 28 sa 36 tad-Direttiva Nru 2006/123/KE jinvolvi l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Sabiex tkun tista' taħdem sew, hemm bżonn li l-kooperazzjoni bejn l-Istai Membri tkun megħjuna minn mezzi tekniċi li jippermettu komunikazzjoni diretta u rapida bejn l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Għaldaqstant id-Direttiva Nru 2006/123/KE fl-Artikolu 34(1) tagħha, tipprovdi li l-Kummissjoni, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, għandha tistabbilixxi sistema elettronika għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, filwaqt li tieħu inkonsiderazzjoni s-sistemi ta' informazzjoni eżistenti.

(2) Is-sistema tal-Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) stabbilita skont id-Deċiżjoni Nru 2004/387/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar it-twassil interoperabbli ta' servizzi ta' e-Government pan-Ewropej lill-amministrazzjonijiet pubbliċi, negozji u ċittadini (IDABC) [2], hija għodda elettronika maħsuba biex tgħin għadd ta' atti leġiżlattivi fil-qasam tas-suq intern, li jirrikjedu l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri. Ladarba l-IMI tippermetti skambju sikur u strutturat tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti permezz ta' mezzi elettroniċi u ladarba tippermetti wkoll lill-awtoritajiet kompetenti li jagħrfu faċilment l-interlokutur rilevanti fi Stati Membri oħra biex jikkomunikaw bejniethom b'mod rapidu u effiċjenti, huwa xieraq li jintuża' l-IMI għall-iskambju ta' informazzjoni għal finijiet tad-Direttiva Nru 2006/123/KE.

(3) Sabiex ikun possibbli li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jiskambjaw l-informazzjoni b'mod effiċjenti b'mezzi elettroniċi, huwa meħtieġ li jsiru arranġamenti prattiċi għal dan l-iskambju permezz tal-IMI.

(4) Minbarra t-talbiet għal informazzjoni biex jitwettqu kontrolli, spezzjonijiet u investigazzjonijiet, kif ukoll risposti għalihom, id-Direttiva Nru 2006/123/KE tipprovdi għal żewġ mekkaniżmi speċifiċi għall-iskambju ta' informazzjoni: l-iskambju ta' informazzjoni dwar atti speċifiċi u ċirkostanzi serji relatati ma' attività ta' servizz li jistgħu jipperikolaw serjament is-saħħa jew is-sikurezza ta' persuni jew tal-ambjent ("twissijiet") taħt l-Artikolu 29(3) u l-Artikolu 32(1) tad-Direttiva Nru 2006/123/KE, u l-iskambju ta' informazzjoni dwar miżuri eċċezzjonali relatati mas-servizzi tas-sikurezza ("derogi każ b'każ"), taħt l-Artikolu 18 u l-Artikolu 35 tad-Direttiva Nru 2006/123/KE.

[1] ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36.

[2] ĠU L 181, 18.5.2004, p. 25.

(5) Ladarba t-twissijiet jikkonċernaw theddid serju għas-saħħa u s-sikurezza ta' persuni jew tal-ambjent, il-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoriatjiet kompetenti fl-Istati Membri differenti hija essenzjali biex titwaqqaf it-theddida kkonċernata u biex dawn l-awtoritajiet jinżammu informati b'mod adegwat dwar azzjonijet meħuda minn awtoritajiet oħrajn, kif ukoll dwar it-tneħħija jew il-persistenza tat-theddida. Sabiex tkun żgurata superviżjoni effikaċi mill-awtoritajiet kompetenti tal-forniturі u s-servizzi li jipprovdu, kif ukoll protezzjoni adegwata tad-dejta personali li tinsab fit-twissijiet, huwa meħtieġ li jkun provdut għeluq għal twissija li Stat Membru jkun fetaħ skont id-Direttiva Nru 2006/123/KE, meta l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 29(3) u l-Artikolu 32(1) ma jibqgħux issodisfati. Għandu jkun possibbli għall-Istati Membri li joġġezzjonaw għal proposta ta' għeluq ta' twissija fejn tippersisti t-theddida ta' ħsara serja lis-saħħa jew lis-sikurezza tal-persuni jew tal-ambjent.

(6) Taħt l-Artikolu 43 tad-Direttiva Nru 2006/123/KE l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tad-Direttiva u, b'mod partikolari id-dispożizzjonijiet dwar is-superviżjoni jridu jirrispettaw ir-regoli tal-protezzjoni tad-dejta personali kif provdut fid-Direttiva Nru 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta [1] u d-Direttiva Nru 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-dejta personali u tal-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi (id-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) [2]. Għalhekk l-iskambju ta' informazzjoni b'mezzi elettroniċi bejn l-Istati Membri għandu jsir skont ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta personali fid-Direttivi Nru 95/46/KE u 2002/58/KE. L-ipproċessar ta' informazzjoni mill-Kummissjoni għandu jsir skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dak id-dejta [3].

(7) Biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tad-dejta personali fir-rigward tat-tħaddim tal-IMI, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni Nru 2008/49KE tat-12 ta' Diċembru 2007 dwar l-implimentazzjoni tas-Sistema ta' Tagħrif tas-Suq Intern (IMI) fir-rigward tal-protezzjoni tad-dejta personali [4] u r-Rakkomandazzjoni Nru 2009/329/KE tas-26 ta' Marzu 2009 dwar linji gwida dwar il-protezzjoni tad-dejta għas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) [5]

(8) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilita bl-Artikolu 40 tad-Direttiva Nru 2006/123/KE,

[1] ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.
[2] ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37.
[3] ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.
[4] ĠU L 13, 16.1.2008, p. 18.
[5] ĠU L 100, 18.4.2009, p. 12.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Użu tal-IMI għall-iskambju ta' informazzjoni**

1. Is-Sistema ta' informazzjoni tas-Suq Intern ("IMI") għandha tintuża għall-iskambju ta' informazzjoni permezz ta' mezzi elettroniċi bejn l-Istati Membri għal finijiet ta' konformità mad-dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni amministrattiva stipulata fil-Kapitolu VI tad-Direttiva Nru 2006/123/KE li jipprovdi għal li ġej:

(a) talbiet għal informazzjoni biex jitwettqu kontrolli, spezzjonijiet u investigazzjonijiet, kif ukoll risposti għalihom, taħt il-Kapitolu VI tad-Direttiva 2006/123/KE;

(b) twissijiet, skont l-artikolu 29(3) u l-Artikolu 32(1) tad-Direttiva 2006/123/KE;

(c) talbiet u notifiki ta' kull każ, skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 35(2) (3) u (6) tad-Direttiva Nru 2006/123/KE

2. Koordinaturi tal-IMI msemmija fl-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni Nru 2008/49/KE jistgħu jinħatru bħala punti ta' komunikazzjoni previsti mill-Artikolu 28(2) tad-Direttiva Nru 2006/123/KE.

*Artikolu 2*

**Funzjonijiet tal-IMI fir-rigward ta' talbiet għal informazzjoni biex jitwettqu kontrolli, spezzjonijiet u investigazzjonijiet, kif ukoll risposti għalihom**

Għal finijiet ta' talbiet għal informazzjoni biex jitwettqu kontrolli, spezzjonijiet u investigazzjonijiet, kif ukoll risposti għalihom, l-IMI se jipprovdi għall-azzjonijiet li ġejjin:

(a) bgħit ta' talbiet;

(b) bgħit u talb għal informazzjoni addizzjonali;

(c) ilqugħ ta' talbiet;

(d) tressiq ta' talbiet;

(e) tweġib għat talbiet.

*Artikolu 3*

**Funzjonijiet tal-IMI fir-rigward tat-twissijiet**

1. Għal finijiet tal-iskambju ta' informazzjoni dwar twissijiet, l-IMI għandu jipprovdi għall-azzjonijiet li ġejjin:

(a) li jintbagħtu twissijiet, meta jintlaħqu l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 29(3) u l-Artikolu 32(1) tad-Direttiva Nru 2006/123/KE;

(b) li tintbagħat u tintalab informazzjoni addizzjonali dwar twissijiet;

(c) li jiġu rtirati twissijiet mibgħuta bla ma jintlaħqu l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 29(3) u l-Artikolu 32(1) tad-Direttiva Nru 2006/123/KE;

(d) li tiġi kkorreġuta informazzjoni inkluża fit-twissijiet;

(e) li jintbagħtu proposti għall-għeluq tat-twissijiet;

(f) li ssir oġġezzjoni għal proposti għall-għeluq tat-twissijiet;

(g) li jingħalqu twissijiet, meta l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 29(3) u l-Artikolu 32(1) tad-Direttiva 2006/123/KE ma jibqgħux jintlaħqu.

2. Sabiex jintbagħtu twissijiet u informazzjoni relatata lil Stati Membri oħra u biex jaslu twissijiet minn Stati Membri oħra, l-IMI għandu jipprovdi għal funzjoni ta' koordinatur tat-twissijiet Il-funzjoni ta' koordinatur tat-twissijiet tista' titwettaq minn atturi tal-IMI provduti fl-Artikoli 7 u 8 tad-Deċiżjoni Nru 2008/49/KE.

3. Qabel ma tiħassar mis-sistema skont l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2008/49/KE, l-informazzjoni, bid-dejta personali inkluża, li tinsab fit-twissija li ngħalqet ma tibqax tidher għall-ebda utent fl-IMI.

*Artikolu 4*

**Funzjonijiet tal-IMI relatati mal-mekkaniżmu ta' deroga ta' kull każ.**

Sabiex isir l-iskambju ta' informazzjoni dwar twissijiet, l-IMI għandu jipprovdi għall-azzjonijiet li ġejjin:

(a) tintbagħat talba lill-Istat Membru tal-istabbiliment, skont l-Artikolu 35(2) tad-Direttiva Nru 2006/123/KE;

(b) tingħata risposta għal talba mibgħuta taħt l-Artikolu 35(2) tad-Direttiva Nru 2006/123/KE;

(c) tintbagħat notifika lill-Kummisjoni u lill-Istat Membru tal-istabbiliment, skont l-Artikolu 35(3) u l-Artikolu 35(6) tad-Direttiva Nru 2006/123/KE;

(d) li koordinatur ikun infurmat mill-ewwel dwar l-azzjonijiet provduti fil-punti (a), (b) u (c).

*Artikolu 5*

**Protezzjoni tad-dejta personali**

L-ipproċessar tad-dejta personali sabiex isir l-iskambju ta' informazzjoni b'mezzi elettroniċi bejn l-Istati Membri għandu jsir skont id-Direttivi Nru 95/46/KE u 2002/58/KE.

L-ipproċessar tad-dejta personali mill-Kummissjoni għandu jitwettaq skont ir-Regoalament (KE) Nru 45/2001.

*Artikolu 6*

**Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Ottubru 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Charlie McCREEVY

*Membru tal-Kummissjoni*